MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 786/2007

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Joe Paul Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti fl-20 ta' Lulju 2007 fejn gie eccepit:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri datat fl-1 ta' Marzu 2001 (Dok "A"), fejn l-intimata iddikjarat ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u ghaxart elef, wiehed u sebghin Liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm110,071.34) (€256397.25) flimkien ma' l--imghax u spejjez relattivi oltre l-imghaxijiet ultetjuri sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimata ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Illi ghalhekk is-socjeta' rikorrenti talbet umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat fl-1 ta' Marzu 2001 in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess intimata.

Rat li s-socjeta` intimata notifikata ma pprezentat l-ebda risposta u lanqas dehret ghar-rikors.

Rat li Dr Dominic Cassar ghas-socjeta` rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors b'dan li ddikjara li l-bilanc dovut illum lis-socjeta' rikorrenti huwa dak ta' Lm81,658.18 (€190,212.39), inkwantu ghal-Lm63,916.98 (€148,886.51) kapital u kwantu ghar-rimanenti Lm17,741.20 (€41,325.88) interessi li ddekadew sal-21 ta' Novembru 2007.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata fis-sens u sal-ammont hawn indikat.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti** limitatament ghas-somma ta' Lm81,658.18 (€190,212.39), inkwantu ghal-Lm63,916.98 (€148,886.51) kapital u kwantu ghar-rimanenti Lm17,741.20 (€41,325.88) interessi li ddekadew sal-21 ta' Novembru 2007.

Bl-ispejjez kontra l-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------